MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2011

Avviz Numru. 177/2010

**Jan Sammut**

**Vs**

**Vincent Farrugia u Kernel Limited**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur nhar it-13 ta' Mejju 2010 fejn talab lil din il-Qorti prevja kull dikjarazzjoni necessarja, tikkundanna lill-konvenuti jhallsuh is-somma t'erbat elef u sitt mitt Ewro (€4,600) rapprezentanti bilanc minn somma akbar avvanzata ghal xiri ta' sehem fis-socjeta Kernel Ltd., liema transazzjoni baqghet qatt ma giet konkluza, w liema ammont baqa' qatt ma gie rifuz minnhom.

Bl-ispejjez inluz dawk ta' l-ittra ufficcjali tat-18 t'Awwissu 2009 u l-imghax legali dekorribli minn din id-data tal-

pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta’ Vincent Farrugia u Kernel Limited (C43609) fejn eccepew is-segwenti:-
1. “*Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti hija inkompetenti rationae valoris li tiehu konjizzjoni tat-talba attrici.*

*2. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta’ Kernel Limited mhix il-legittima kontradittrici tal-attur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li hi ma rceviet ebda flus minghand l-attur.*

*3. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-somma ta’  erbat elef u sitt mitt Ewro (€4,600) imhallsa mill-attur lill-eccipjenti Vincent Farrugia, m’ghandhiex tigi rifuza stante li din thallset sabiex l-istess atttur jakkwista parti mill-kapital azzjonarju tas-socjeta’ Kernel Limited. Wara li ttiehdet ir-rizoluzzjoni straordinarja sabiex jizdied il-kapital socjetarju ta’ Kernel Limited u thallsu l-flus, l-attur biddel il-hsieb u l-istess rizoluzzjoni giet imhazza b’mod ghal kollox illegali, abbuziv u minghajr il-kunsens tal-eccipjenti Vincent Farrugia f’tentattiv li din l-istess rizoluzzjoni tithassar (kopja annessa markata bhala Dok VF1).  L-eccipjent Vincent Farrugia qatt ma ta l-kunsens tieghu ghat-thassir tar-rizoluzjoni u ghalhekk l-attur ma jistax jippretendi li tali thassir seta’ jsehh u li jiehu flusu lura.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez*.”

Rat il-verbal datat 19 t’Ottubru 2010 fejn Dr. Massimo Vella ghall-konvenuti ddikjara li:- “ *l-mertu tal-kawza jittratta dwar transazzjoni ta’ ghaxart elef lira Maltin (LM10,000) u ghalhekk oltre l-kompetenza rationae valoris ta’ din il-Qorti, u ghalkemm l-ammont mitlub hu ta’ Euro 4,600, sabiex il-Qorti tasal ghal decizjoni dwar jekk tali somma ghandhiex tigi rifuza jew le, din trid*

*necessarjament tiehu konjizzjoni tan-negozju fl-intier tieghu u tiddeciedi jekk l-istess negozju hux rexiss. Billi l-valur tan-negozju jaqbez il-kompetenza ta' din il-Qorti , it-talba attrici ma tistax tigi meqjusa*."

Rat dak li gie verbalizzat minn Dr. James D'Agostino fl-istess seduta tad-19 t'Ottubru 2010 fejn irregistra s-segwenti:-"*fl-interess tal-attur jiddikjara li assolutament m'hemmx qbil ma' dak sottomess mill-konvenut u dan stante li:*
*1. It-talba hi specifika dwar l-ammont li fiha nnifisha tinkwadra taht il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti; u*
*2. Kif ser jigi ppruvat kien hemm qbil bejn id-diretturi dwar il-kancellament tan-negozju b'dan li d-diretturi kollha hlief Vincent Farrgia irrifondew il-flus b'dan li jibqa' ghalhekk l-ammont mitlub f'din il-kawza."*

Semghet lil **Vincent Farrugia** jixhed nhar id-19 t'Ottubru 2010 fejn spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' Direttur tas-socjeta' konvenuta w ghandu erbghin fil-mija tal-ishma taghha. Ikkonferma li huwa jaf lill-attur u dan wara li habib tieghu kien introducihulu sabex jixtri ghoxrin fil-mija tal-ishma. Jghid li d-Diretturi kienu ftiehmu li kienu ser ibighulu dan l-ammont ta' ishma ghall-prezz t'ghaxart elef lira Maltin (LM10,000). Qal li x-*shareholders* l-ohra huma Richard Galea, Mark Galea u li l-attur kien xtara ghoxrin fil-mija tal-ishma tas-socjeta' konvenuta.

Effettivament jispjega li l-attur kien hallas tmenin fil-mija ta' l-ammont dovut, u cioe' kien hallas is-somma ta' tmint elef Lira Maltin (Lm8,000) u kien ghad baqa' bilanc t'elfejn lira Maltin x'jithallas (Lm2000). Ikonferma li huwa kien ircieva s-somma ta' erbat elef u sitt mitt Ewro (€4,600). Jilmenta li dan nonostante huwa kellu jircievi somma akbar peress li x-*shareholding* tieghu huwa ikbar minn tax-*shareholders* l-ohra. Huwa jikkalkula li kellu jircievi s-somma ta' sebat elef u sitt mitt Ewro (€7,600).

Ikkonferma li kien inzamm Board Meeting mill-membri tal-Board fejn kien gie miftiehem li kellu jsir ix-*share transfer*, u cioe' li l-attur kellu jakkwista ghoxrin fil-mija tax-*shareholding*. Ikkonferma li f'dan il-*meeting*, ir-rizoluzzjoni

li kopja taghha tinsab esebita fl-atti a fol. 8 u 9, giet iffirmata kemm minnu kif ukoll minn Mark Galea, Richard Galea, Christopher Busuttil u l-attur. Jghid pero' li a fol. 9 hemm speci ta' thazziza, w skond ma qallu Mark Galea kien hu li ghamel it-thazziza. Huwa qatt ma approva it-thazziza li kien hemm a fol. 9 u lanqas ma ftiehem li jkun hemm xi tibdil fuq dan id-dokument, una volta li kien gie ffirmat minn kulhadd. Jghid li la kien hemm ftehim, l-attur qatt ma kellu jirtira minnu. Jghid li wara din il-laqgha kienu nzammu xi tnejn ohra. Jikkonfema wkoll li huwa kien talab lill-attur ghal aktar flus peress li sehmu kien aktar minn tas-soci l-ohra, w kellu jircievi is-somma ta' sebat elef u sitt mitt Ewro (€7,600), u ghalhekk aktar minn dak li kien effettivament ircieva, liema somma li ircieva kellha tirrapprezenta x-*shareholding* tieghu ta' erbghin fil-mija tal-ishma .

Rat is-sentenza esebita mill-konvenut fl-ismijiet **Vicky Coleiro vs Michael Grech** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' April 2003.

Semghet ix-xhieda tal-attur **Jan Sammut** moghtija nhar il-15 ta' Diembru 2010 (fol. 19) fejn dan spjega illi fis-sena 2009 huwa kien jahdem ma' kollega tieghu certu Mark Paul Galea li fost affarijiet ohra kien infurmah li huwa kien Direttur tas-socjeta' konvenuta. Jghid li dan kien staqsih jekk kienx interessat jahdem bhala Marketing Manager f'din is-socjeta', u li hu sussegwentement kien infurmah li kien interessat f'din il-posizzjoni w fis-26 ta' Frar 2009 kienu baghtulu xi proposta. Huwa esebixxa din i-proposta li giet markata bhala Dok Z.

In segwitu' kien iltaqa' mad-Diretturi l-ohra, Richard Galea li huwa missier il-habib tieghu Mark, ma' Chris Busuttil li huwa s-Segretarju tal-kumpanija w mal-konvenut Vincent Farrugia li huwa wkoll shareholder. Qal li f'wahda mil-laqghat li kellhom gie spjegat lilu x'kien il-progett in kwistjoni u huma nnegozjaw l-offerti taghhom u ddecidew li huwa kellu jinvesti xi flus u jsir partner u Direttur. Fil-fatt jghid li kienu ftiehmu li kellu jinnegozja ma' Chris Busuttil u dan sabiex ma jkunx hemm kunflitt ta' nteress peress li Mark Paul Galea huwa habib tieghu.

Jghid li in-negozjati spiccaw fil-15 ta' April 2009 u huwa effettivament hallas lil Mark Galea u Chris Busuttil is-somma ta' tmintax-il elf erbgha mija w wiehed Ewro (€18,401) u dan wara li huwa kien ottjena erbat elef, mitejn u tlieta w tletin (4,233) sehem fis-socjeta' konvenuta Kernel Limited, kif jirrizulta mir-ricevuta esebita fl-atti a fol. 30. Jghid li l-flus gew imqassma f'erba' partijiet ugwali, w cioe' bejn Mark Galea, Chris Busuttil, Richard Galea u Vincent Farrugia.

Ikkonferma li l-ghada kien ircieva telefonata minghand Chris Busuttil u dan kien infurmah li Vincent Farrugia kellu problema dwar il-hlasijiet li kien ircieva minghadu. Jghid li l-erba' Diretturi kienu waslu fi ftehim li jirritornawlu l-flus li kien hallas sabiex jinnegozja pakkett gdid. Jghid li t-transazzjoni, jew ahjar il-bejgh tal-ishma qatt ma gie registrat mal-MFSA.

Jispjega li l-ghada Chris Busuttil, Mark Galea u Richard Galea kienu tawh lura l-flus li kienu rcevew minghandu, waqt li l-konvenut Vincent Farrugia zamm il-flus ghalih. Huma ltaqghu ilkoll flimkien fl-ufficcju sabiex jippruvaw jaslu ghal xi transazzjoni, izda din ma sehhitx u jghid li l-konvenut qallu li huwa ma jemminx fl-irgulija w qallu li ma kienx ser itih il-flus lura ghaliex hadd ma jmur lura minn *deal* li jkun ghamel mieghu.

Fil-fatt jispjega li dan Farrugia kien tah tliet *options*, u cioe' li jew jiehu nofs il-flus li kien tah lura u jitlef in-nofs l-iehor bhala penali, jew li jibqa' fid-*deal* mieghu kif kienu ftiehmu skond l-*agreement* iffirmat minnhom u jiehu inqas ishma, jew ihallas aktar ghal sehmu w cioe' jhallas is-somma ta' hamsa u tletin elf Ewro (€35,000).

Jghid li huma kienu qablu li l-ftehim li kellhom kien ghal tmintax-il elf, erbgha mija u wiehed Ewro (€18,401) u dan ghall-persentagg fiss ta' erbat elef mitejn u tlieta w tletin (4233) sehem, u jekk wiehed minn dawn il-figuri kien ser jinbidel huwa ma kienx aktar interessat, u dak il-hin qabad u telaq 'il barra.

Jikkonferma li wara xi gimgha regghu cemplulu w qalulu biex jerga' jiltaqa' ma l-assistent ta' Vincent Farrugia, w huwa kien mar u dan wassallu l-istess messagg ta' Vincent Farrugia fl-okkazjoni precedenti. U ghalhekk ma waslu ghall-ebda ftehim. Qallu li s-Sur Farrugia kien ghamel xi spejjez fuq xi konsulent certu Mario Galea, w ghalhekk ried li jnaqqas l-ispejjez mill-flus li kellu jtih. Huwa (x-xhud) talbu ricevuta izda dan ma kienx kapaci jtih wahda. Jghid li fil-fatt il-*meeting* ma' Mario Galea kien irrangah hu fl-ufficcju tas-Sur Galea stess, qabel ma kien involut fil-kumpanija, w dan sar bhala nkontru ta' hbieb bla hlas.

Jikkonferma li llum il-kawza tieghu hija diretta kontra l-konvenut sabiex dan jirrifondih il-flus li kien tah. Ikkonferma li huwa fl-ebda hin ma nnegozja ma' Vincent Farrugia, izda nnegozja ma' Chris Busuttil ghan-nom tas-socjeta' konvenuta w dan naturalment qabel ma giet iffirmata l-Board Resolution. Jghid li huwa ma jafx x'kien qed jippretendi s-Sur Farrugia minn din id-*deal* ghax ma tkellimx mieghu.

Jispjega li meta Chris Busuttil kien qallu li s-somma li kien hallas kienet sr tigi diviza bejn erbgha, hu haseb li kien hemm ftehim mad-Diretturi l-ohra dwar dan. Pero' x'kien il-ftehim ta' bejniethom ma jafx. Jaf li Vincent Farrugia ma qabilx fuq is-somma li kien ircieva. Meta gie muri d-dokument a fol. 18 immarkat bhala Dok VF1, jghid li fuqu hemm il-firma tieghu w dan id-dokument kien iffirmah quddiem Chris Busuttil. Mistoqsi min kien ghamel it-thazziza fuq id-dokument a fol. 19 jghid li ma jafx, pero' zgur li mhux hu.

Ikunsidrat:-

Illi fil-qosor l-attur qed jitlob lil din il-Qorti tikundanna lill-konvenuti sabiex jirrifondulu s-somma t'erbat elef u sitt mitt Ewro (€4600) li huwa kien ta lill-konvenut Vincent Farrugia peress illi l-ftehim li kellu maghom m'ghadux fis-sehh. Il-konvenut min-naha l-ohra qed jghid, in linea preliminari, li din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza li tisma' din il-kawza peress illi primarjament trid tidhol u tindaga

fil-ftehim li kien hemm, u jekk dan verament giex rexiss, u l-valur tal-ftehim jeccedi l-kompetenza ta' din il-Qorti peress li jitratta dwar ghaxart elef lira Maltin (LM10,000).

Ili dwar il-kwistjoni ta' inkompetenza *rationae valoris* wiehed irid jirreferi ghall-**Artikolu 746 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u in partikolari ghall-kaz *de quo* wiehed jirreferi ghall-**Artikolu 748** li jiddisponi illi:-

*"Il-valur ta' l-oggett fil-kawza hu, determinat mit-talba -*

a. *meta it-talba hija ghall-hlas ta' somma determinata;*
b. *meta it-talba hija ghal haga li l-valur taghha huwa determinat fit-titolu li jaghti kawza ghall-azzjoni jew b' xi kitba ohra li torbot lill-partijiet, jew bil-fehma ta' kulhadd, jew bil-prezz korrenti."*

Illi dwar id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, is-sentenza "**Frankie Refalo vs Jason Azzopardi et"** (A.C. 7 ta' Ottubru 1997) sostniet li bhala regola *"il-kompetenza tal- Qorti hija determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet moghtija, mit-termini tal-azzjoni attrici. Huwa l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u il-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha".* (vide anke f'dan ir-rigward is-sentenza moghtija fis-27 ta' Marzu 2003 mill-Prim' Awla fl-ismijiet **Woodline Ltd. vs Forsite Design & Project Management Services Ltd.)**

Illi ma' dan pero' irid jigi kkunsidrat fl-ambitu tal-**Artikolu 753 (2)** li jiddisponi li "*meta it-talba hija maghmula biex issostni jew tattakka obbligazzjoni, il-valur jigi determinat mis-somma kollha tal-obbligazzjoni*".

Illi hekk fil-kawza fl-ismijiet "**Anthony Zammit vs Joseph Ellul nomine**" (A.I. (J.S.P) 31 ta' Lulju 1996) gie deciz illi:-

*"Il-kompetenza ma tiddependix bil-fors u unikament mit-talba tal-attur imma tista' tiddependi ukoll, fejn ikun il-kaz, mill-eccezzjoni tal-konvenut (Vol. XXXVII.II.454). Jista' jigri infatti illi ghalkemm l-azzjoni inizjalment kienet ta'*

*kompetenza tal-Qorti Inferjuri (billi it-talba hija ghall-hlas ta' somma determinata entro il-kompetenza taghha) din tigi ezawtorata "ope exceptionis" bl-impunjazzjoni ta' l-obbligazzjoni principali (Vol. XXXVII C.I.512). Dan jista' jigri billi il-Qorti tigi necessarjament moghtija u bhala parti mill-process biex tiggudika it-talba quddiemha li tikkonsidra u tiddeciedi obbligazzjoni bejn il-kontendenti li teccedi il-komptenza taghha. Dan ifisser illi f'kazijiet simili il-komptenza tal-Qorti hija finalment determinata mill-indoli tal-obbligazzjoni in relazzjoni mal-obbligat".*

Illi fil-fatt, fil-kaz in ezami, l-allegata obbligazzjoni tal-konvenut u tas-socjeta` konvenuta ma tistax tittiehed b'mod izolat u limitat ghall-bilanc li l-attur qed jipprettendi li verament ghandu jiehu minghandhom, u dan ghaliex wahdu dan m'ghandu l-ebda relevanza ghall-kwistjoni ta' komptenza fuq il-principji fuq stabbiliti w affermati mill-gurisprudenza nostrana.

Illi fil-fatt apparti t-talba attrici li minnha nnifisha hija fil-kompetenza ta' din il-Qorti, in vista' tal-eccezzjoni tal-konvenut u tas-socjeta` konvenuta, huwa car li wiehed ma jistax ihares biss lejn l-ammont li l-istess attur qed jghid li ghandu jiehu, w mhux michud minn Vincent Farrugia li effettivament ircieva, izda wkoll ljen il-fatt li ghall-konvenuti ma kien hemm l-ebda rexissjoni tal-ftehim esebit, u ghalhekk huma l-istess eccezzjonijiet tal-konvenut u tas-socjeta` konvenuta li jiddeterminaw il-kompetenza tal-Qrati nostrana w ta' din il-Qorti in partikolari. Izda huwa car li bil-mod kif proposta l-istess eccezzjoni mill-istess socjeta` konvenuta, wiehed bilfors irid ihares fl-isfond tad-diversi nkontri bejnhom u bejn l-attur u tal-konteggi bejniethom, u sabiex taghmel dan din il-Qorti trid tezamina l-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet, liema ftehim jirrigwarda valur t'ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000), liema valur jeccedi l-kompetenza ta' din il-Qorti. Dan qed jinghad anke fid-dawl ta' dak li xehed l-attur meta qal li sa fejn jaf hu l-fethim waqa' w kollox kellu jigi rivertit ghal li kien, u li huwa ma jafx kif effettivament thallsu l-flus li huwa hallas sabiex jixtri l-ishma. Fil-waqt li jirrizulta minn dak li qal Vincent Farrugia li l-ghaxart elef

lira Maltin gew maqsuma f'erba' porzjonijiet, huwa ma jaqbilx, ghaliex peress li huwa kellu aktar ishma minn l-ohrajn allura sehemu kellu jkun aktar. Appuntu dan hu dak li l-Qorti trid tezamina l-ewwel, u cioe' trid tara jekk l-attur setax jirrexxindi l-ftehim minghajr il-kunsens tal-firmatarji kollha.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti w tiddikjara li hija m'ghandhiex kompetenza *rationae valoris* sabiex tiddeciedi din il-kawza, w ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.**

**Spejjez a karigu tal-attur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------